Georgette Micallef on 2258 6700, from Monday to Friday from 8.30 a.m. till 1.30 p.m., or by email to (rowena.borg@gov.mt) or (georgette.a.micallef@gov.mt).

20th May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the electronic tender CFT 020-0498/22. Safety Blood Collection sets and Holders 21Gx3/4, published in the Government Gazette dated 3rd May, 2022, the closing date has been extended to Tuesday, 31st May, 2022.

20th May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supply Management), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notice will be received till 9.30 a.m. on Friday, 10th June, 2022. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 021-0559/22. Supply of Morphine Sulfate/ Hydrochloride 30mg Tablets

CFT 020-0560/22. Supply of Injection needles for bladder

CFT 020-0561/22. Supply of Airtight Bag System for Bacteriology Laboratory

CFT 009-0562/22. Supply of Alternating Mattresses for Bariatric Patients

CFT 009-0563/22. Provision of Bedside Cabinets produced with Environmentally Friendly Materials

CFT 009-0564/22. Provision of Gutter Frames for loaning purposes, for a period of three years

CFT 009-0565/22. Provision of Quadripod Walkers for loaning purposes, for a period of three years

CFT 021-0566/22. Supply of Theophylline 200mg Prolonged Release Tablets

CFT 021-0567/22. Supply of Oxytocin 10IU IV injections

CFT 009-0568/22. Supply of Freezers for Covid Vaccines

CFT 023-0569/22. Supply of snacks, hot and cold drinks, and leasing of dispensing machines

CFT 009-0570/22. Supply of Stainless Steel Bins 30Ltrs.

CFT 025-0571/22. Supply of Tamper-Proof Security Seals

CFT 020-0572/22. Supply of Surgical Adhesive Drapes Sz 160 x175cm

CFT 009-0573/22. Provision of Diagnostic Uroflowmetry Units

CFT 021-0574/22. Supply of Rifaximin 200mg tabs

CFT 021-0575/22. Supply of Trimethoprim suspension

CFT 009-0576/22.Provvediment ta' Four Flexible Video Hysteroscopes c/w Two Video Processors and Four Rigid Hysteroscopes b'impatt inqas fuq l-ambjent bil-consumables u aċċessorji kollha

CFT 021-0577/22. Provvista ta' Start-up Neonatal Parenteral Nutrition – Aqueous Component

CFT 003-0578/22. Provvediment ta' taħriġ f'Basic Economics u Cost Benefit Analysis Including a Hospitality and Catering Service Taking Into Consideration Seasonality and Minimising Waste Generation for the EU Project ESF 04.084 'Reform in the Public Health System to Maximise Efficiency Gains and Enhance Governance'

CFT 009-0579/22. Manufattura, provvista u installazzjoni ta' metal screening u railings

CFT 009-0580/22. Provvista ta' IP 65 Rated LED Fittings

CFT 021-0581/22. Provvista ta' C1 esterase inhibitor concentrate (human) 2000IU for subcutaneous use

CFT 021-0582/22. Provvista ta' Voriconazole suspension

CFT 021-0583/22. Provvista ta' Methylene Blue 0.5% injections

CFT 012-0584/22. Provvediment ta' Asbestos Type 3 u Hazardous Material Survey tal-basement tal-Isptar Sir Paul Boffa

CFT 009-0585/22. Provvediment ta' Point of Care Haematocrit b'tagħmir mikri

CFT 020-0586/22. Provvista ta' Nasal Oxygen Cannula

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sal-10.30 a.m. tat-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju, 2022. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 003-0578/22. Provvediment ta' taħriġ f'Basic Economics u Cost Benefit Analysis inkluż servizz ta' ospitalità u catering b'kunsiderazzjoni għall-istaġjonalità u l-imminimizzar tal-ġenerazzjoni tal-iskart – għall-Proġett tal-UE ESF 04.084 – 'Riforma fis-Sistema tas-Saħħa Pubblika li Jimmassimizzaw Kisbiet ta' Effiċjenza u Jsaħħu l-Governanza'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokument tal-offerta jinkiseb biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

L-20 ta' Mejju, 2022

CFT 009-0576/22. Provision of Four Flexible Video Hysteroscopes c/w Two Video Processors and Four Rigid Hysteroscopes with reduced environmental impact with all consumables and accessories

CFT 021-0577/22. Supply of Start-up Neonatal Parenteral Nutrition – Aqueous Component

CFT 003-0578/22. Provision of Training in Basic Economics and Cost Benefit Analysis Including a Hospitality and Catering Service Taking Into Consideration Seasonality and Minimising Waste Generation for the EU Project ESF 04.084 'Reform in the Public Health System to Maximise Efficiency Gains and Enhance Governance'

CFT 009-0579/22. Manufacturing, supply and installation of metal screening and railings

CFT 009-0580/22. Supply of IP 65 Rated LED Fittings

CFT 021-0581/22. Supply of C1 esterase inhibitor concentrate (human) 2000IU for subcutaneous use

CFT 021-0582/22. Supply of Voriconazole suspension

CFT 021-0583/22. Supply of Methylene Blue 0.5% injections

CFT 012-0584/22. Provision of Asbestos Type 3 and Hazardous Material Survey of the Basement at Sir Paul Boffa Hospital

CFT 009-0585/22. Provision of Point of Care Haematocrit with equipment on loan

CFT 020-0586/22. Supply of Nasal Oxygen Cannula

Electronic tenders in respect of the following notice will be received till 10.30 a.m. on Friday, 10th June, 2022. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 003-0578/22. Provision of training in Basic Economics and Cost Benefit Analysis including a hospitality and catering service taking into consideration seasonality and minimising waste generation – for the EU Project ESF 04.084 – 'Reform in the Public Health System to Maximize Efficiency Gains and Enhance Governance'

These tender documents are free of charge.

Tender document is only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

20th May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Provvisti, Ministeru għas-Saħħa) jgħarraf illi:

CFT 021-0555/22. Provvista ta' Calcium Chloride Infusion

ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Mejju, 2022, ġie mħassar.

L-20 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO tat-taqsima Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 1705U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, 23 ta' Mejju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'email lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

L-20 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO tat-taqsima Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 1805U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tlieta, 24 ta' Mejju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'email lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

L-20 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO tat-taqsima Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 1905U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Erbgħa, 25 ta' Mejju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that:

CFT 021-0555/22. Supply of Calcium Chloride Infusion

published on the Government Gazette of 17th May, 2022, has been cancelled.

20th May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 1705U22 will be received up to noon on Monday, 23rd May, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from CPSU Website.

Submissions for this Call for Competition are to be submitted ONLY via email to (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

20th May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 1805U22 will be received up to noon on Tuesday, 24th May, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from CPSU Website.

Submissions for this Call for Competition are to be submitted ONLY via email to (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

20th May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 1905U22 will be received up to noon on Wednesday, 25th May, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from CPSU Website.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'email lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

L-20 ta' Mejju, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO tat-taqsima Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 2005U22 jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ħamis, 26 ta' Mejju, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'email lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

L-20 ta' Mejju, 2022

KUNSILL LOKALI ĦAL LUQA

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ħal Luqa sal-10.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Ġunju, 2022, għal:

Provvista, konsenja u servizzi ta' after-sales ta' vettura tal-elettriku għall-Kunsill Lokali Ħal Luqa.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-20 ta' Mejju, 2022

KUNSILL LOKALI L-MOSTA

Il-Kunsill Lokali l-Mosta jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali l-Mosta sad-9.30 am ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju, 2022, għal:

Avviż Nru. KLMT 03-2022. Provvediment ta' servizzi ġenerali ta' arkitettura.

Submissions for this Call for Competition are to be submitted ONLY via email to (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

20th May, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No. 2005U22 will be received up to noon on Thursday, 26th May, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from CPSU Website.

Submissions for this Call for Competition are to be submitted ONLY via email to (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

20th May, 2022

ĦAL LUQA LOCAL COUNCIL

The Ħal Luqa Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Luqa Local Council through ePPS up to 10.30 a.m. of Monday, 20th June, 2022, for:

Supply, delivery and after-sales services of full electric vehicle for the Ħal Luqa Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

20th May, 2022

MOSTA LOCAL COUNCIL

The Mosta Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Mosta Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. on Friday, 1st July, 2022, for:

Advt No. KLMT 03-2022. Provision of general architectural services.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

L-20 ta' Mejju, 2022

KUNSILL LOKALI L-FURJANA

Il-Kunsill Lokali l-Furjana jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Furjana permezz tal-ePPS, sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju, 2022, għal:

Avviż Nru. FLC/T/2/2022 – Żarmar u rimi ta' platform lift eżistenti, konsenja, installazzjoni, kummissjonar, ċertifikazzjoni, u manutenzjoni ta' platform lift u lift tal-passiġġieri għall-Kunsill Lokali l-Furjana mill-Fond tal-Iskema ta' Għotjiet Żgħar (SGS) kofinanzjata mill-Programm tal-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż (NFM) 2014-2021.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-18 ta' Frar, 2022

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Birkirkara, permezz tal-ePPS, sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Ġunju, 2022, għal:

Avviż Nru. BLC2-2020/D. Provvista, installazzjoni, ittestjar, kummissjonar, ċertifikazzjoni u manutenzjoni ta' lift panoramiku, inkluż xogħlijiet ċivili u strutturali meħtieġa għall-installazzjoni, bħala parti mill-Proġett tal-Mużew tal-Istazzjon tal-Ferrovija l-Qadima ta' Birkirkara (ERDF.05.105).

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

20th May, 2022

FLORIANA LOCAL COUNCIL

The Floriana Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Floriana Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. on Friday, 3rd June, 2022, for:

Advt No. FLC/T/2/2022 - Dismantling, collection and disposal of existing platform lift, delivery, installation, commissioning, certification and maintenance of a platform lift and passenger lift for the Foriana Local Council under the Small Grant Scheme (SGS) co-funded by the Norwegian Funding Mechanism (NFM) 2014-2021 Programme.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

18th February, 2022

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

The Birkirkara Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Birkirkara Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Thursday, 16th June, 2022, for:

Advt No. BLC2-2020/D. Supply, installation, testing, commissioning, certification and maintenance of a panoramic lift, including civil and structural works required for the installation, as part of the Birkirkara Old Railway Station Museum Project (ERDF.05.105).

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-20 ta' Mejju, 2022

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

20th May, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

861

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Mejju, 2022, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 314/2022/1RGM, li ġie ppreżentat fis-7 ta' Marzu, 2022, fl-ismijiet Grasso Luca et vs Mercieca Alex, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Jogħġobha tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat. Kreditu sittin elf ewro (€60,000).

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-21 ta' Ġunju, 2022, fid-8.45 a.m.

Notifika Intimat: Mercieca Alex, 4, Triq il-Ħawt, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order of the Civil Court, First Chamber, on 3 May 2022, in the acts of Sworn Application number 314/2022/1RGM, filed on 7th March, 2022, in the names Grasso Luca et vs Mercieca Alex, the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Order an Injunction against the respondent. Credit sixty thousand euro (€60,000).

The Sworn Application in the above names is adjourned for 21st June, 2022, at 8.45 a.m.

Notification Notice: Mercieca Alex, 4, Triq il-Ħawt, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today, 17th May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

862

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Lulju, 2021, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 418/2021FDP, li ġie ppreżentat fit-30 ta' April, 2021, fl-ismijiet Schembri Alexander Dr noe vs Bugeja Yanika Dr et noe, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna r-rexxissjoni tal-kuntratt ta' rahan tal-1 ta' Marzu, 2021, bejn il-konvenut Andrei Mikhailovich Ovsyankin u l-kumpanija konvenuta Technostroylising LLC u konsegwentement tiddikjara li l-istess kuntratt ta' rahan huwa null u mingħajr effett għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi. Tordna r-rexxissjoni tal-kuntratt ta' rahan tal-1 ta' Marzu 2021, bejn il-konvenut

By order given by the Civil Court, First Chamber, on 14 July 2021, in the acts of Sworn Application number 418/2021FDP, filed on 30th April, 2021, in the names Schembri Alexander Dr noe vs Bugeja Yanika Dr et noe, the following publication was ordered, pursuant to Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 to serve notice on the respondent. The applicant claims that the Court should, inter alia: Order the rescission of the pledge agreement of 1st March, 2021, between the defendant Andrei Mikhailovich Ovsyankin and the defendant company Technostroylising LLC and consequently declare that the same pledge contract is null and void for all purposes and effects of the law. Order the rescission of the pledge agreement of 1st March, 2021, between the defendant Andrei Mikhailovich Ovsyankin

Andrei Mikhailovich Ovsyankin u l-kumpanija konvenuta Wine's and Food's sro, u konsegwentement tiddikjara li l-istess kuntratt ta' rahan huwa null u mingħajr effett għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi. Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmi hawn fuq huwa differit għat-13 ta' Ġunju, 2022, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Retemmy Finance Ltd, Level 2, Regional Business Centre, University Heights, L-Imsida

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Mejju, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and the defendant company Wine's and Food's sro, and consequently declare that the same pledge contract is null and void effect for all intents and purposes of law. The Sworn Application in the above names is postponed to the 13th June, 2022, at 9.00 a.m.

Notice to Respondent: Retemmy Finance Ltd, Level 2, Regional Business Center, University Heights, Msida

Registry of the Superior Courts, today 17th May, 2022

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

863

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-29 ta' April, 2022, Rikors numru 718/2022, minn Josephine Borg et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Josephine Borg, Paul, Joseph u Maria Giuseppa Agius, ħut id-decujus ilkoll aħwa Abela, fi kwota ta' settima parti (1/7) indiviża kull wieħed u waħda minnhom, favur Carmen Magro, Joseph, Emanuela sive Lilian Lia, Catherine Borg u Miriam Baldacchino lkoll aħwa Abela wlied il-mejjet Angelo Abela, dan tal-aħħar ħu id-decujus, fi kwota ta' parti waħda minn ħamsa u tletin (1/35) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; favur Eleonor Gauci, Priscilla Abela, Alexandra sive Sandra Cutajar, Josette Abela, Wayne, Angelo, Robert u Glenn ilkoll aħwa Abela wlied il-mejjet George Abela, u dan fi kwota ta parti waħda minn sitta u ħamsin (1/56) indiviża kull wieħed u waħda minnhom; u favur Christopher, Alex u Mario, ilkoll aħwa Abela wlied il-mejjet Anthony Abela, dan tal-aħħar ħu d-decujus, u dan fi kwota ta' parti waħda minn wieħed u għoxrin (1/21) indiviża kull wieħed minnhom is-suċċessjoni ta' Karmenu Abela, ġuvni bin il-mejtin Filomenu Abela u Lureta née Cassar, imwieled iż-Żejtun, Malta, kien residenti ż-Żejtun, Malta, u miet l-Imsida, Malta, fl-10 ta' Mejju, 2021, ta' 82 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 534938M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 18 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 29th April, 2022, Application number 718/2022, by Josephine Borg et whereby they requested that it be declared open in favour of Josephine Borg, Paul, Joseph and Maria Giuseppa Agius, brothers and sisters of the decujus all brothers and sisters Abela, in the quota of one seventh (1/7) undivided share each one of them, in favour of Carmen Magro, Joseph, Emanuela sive Lilian Lia, Catherine Borg and Miriam Baldacchino all brothers and sisters Abela children of the late Angelo Abela, the latter brother of the decujus, in the quota of one part of thirty five (1/35) undivided share each one of them; in favour of Eleonor Gauci, Priscilla Abela, Alexandra sive Sandra Cutajar, Josette Abela, Wayne, Angelo, Robert and Glenn, all brothers and sisters Abela children of the late George Abela, and this in the quota of one part of fifty six (1/56) undivided share each one of them; and in favour of Christopher, Alex and Mario, brothers and sisters Abela children of the late Anthony Abela, the latter brother of the decujus, and this in the quota of one part of twenty one (1/21) undivided share each one of them the succession of Karmenu Abela, bachelor, son of the late Filomenu abela and Lureta née Cassar, born in Żejtun, Malta, resided in Żejtun, Malta and died in Msida, Malta, on the 10th May, 2021, aged 82, and who held identity card number 534938M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 18th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

864

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja fl-4 ta' Frar, 2022, Rikors numru 216/2022, minn Arthur Gauci u Anna Marie Tabone, fejn insegwitu tar-rikors Emanuela Gauci, armla ta' Anthony Gauci, bint Salvatore Sammut u Marianna Sammut née Gauci, imwielda l-Mellieħa fit-8 ta' Diċembru, 1934, ta' 87, u li għandha karta tal-identità numru 858534M, ġiet interdetta mill-atti kollha tal-ħajja ċivili permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Frar, 2022

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja)

Illum 18 ta' Mejju, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 4th February, 2022, Application number 216/2022, by Arthur Gauci and Anna Marie Tabone, whereby following the application Emanuela Gauci, widow of Anthony Gauci, daughter of Salvatore Sammut and Marianna Sammut née Gauci, born in Mellieħa on the 9th December, 1934, aged 87, and holding identity card number 858534M, was interdicted from all the acts of the civil life by means of a decree given on the 11th February, 2022.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section)

Today 18th May, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar Civil Court and Tribunals

865

B'digriet tal-11 ta' Ottubru, 2021, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Marzu, 2022, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2022, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Appartament numru tlieta (3) immarkat bl-ittra 'E', sitwat fit-tielet sular li jifforma parti minn blokka ta' appartamenti bin-numru 253 u 255, Triq D'Argens, Il-Gżira, suġġett u jgawdi servitujiet attivi u passivi li jirriżultaw skont il-pożizzjoni tiegħu, bi dritt tal-użu perpetwu tal-partijiet komuni tal-blokk u liema partijiet jinkludu l-entratura tal-blokk, it-taraġ u t-tromba tat-taraġ sal-bejt, il-lifts u l-lift shaft u d-dritt tal-użu tal-bejt biss biex jistalla u jmantni tank tal-ilma u television aerial jew satellite dish fuqu bi dritt ta' aċċess għall-bejt f'ħinijiet raġonevoli għal skop ta' manutenzjoni tal-istess servizz, u b'aċċess dirett mill-partijiet komuni minn Triq D'Argens, servuti bil-lift li għadu mhux installat, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu u stmat li jiswa mitejn u ħamest elef ewro (€205,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Nawafleh Abdallah Ahmed (KI 24907A).

By a decree given on the 11th October, 2021, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 30th March, 2022, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Tuesday, 6th September, 2022, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Apartment number three (3) marked letter 'E', situated on the third floor level forming part of a block of apartments number 253 and 255, Triq D'Argens, Gżira, subject and enjoys active and passive servitudes resulting from its position, with perpetual usage right of the common block areas and which areas include the block entrance, the stairs and stairwell up till the roof, the lifts and the lift shaft and the right of usage of the roof only to install and maintain the water tank and television aerial or satellite dish on it, with right of access to the roof in reasonable hours for maintenance of same services. The apartment has direct access from the common areas from Triq D'Argens, served with a lift not yet installed, free and unencumbered, with all its rights and appurtenance, and valued at two hundred and five thousand euro (€205,000).

The said tenement is the property of Nawafleh Abdallah Ahmed (ID 24907A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 56/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 19 ta' Mejju, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 56/2019.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 19th May, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

866

Ikun jaf kulħadd illi permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' April, 2022, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-atti tar-rikors numru 100/2017 fl-ismijiet Geswalda sive Alda Bugeja vs Sergio Cirriani , ippreżentat fir-Reġistru fis-26 ta' Diċembru, 2017, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt hawn taħt riprodott u dan sabiex iservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Saviour sive Sunny Chetcuti (karta tal-identità Maltija bin-numru 0825551M) ta' 18, Triq Dun Pawl Micallef, Ir-Rabat, Għawdex, u dan ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, ċjoè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża.

Geswalda sive Alda Bugeja (KI 43962G) Bright Eyes, Triq Dun Pawl Micallef, Ir-Rabat, Għawdex

vs

Sergio Cirriani, 18, Triq Dun Pawl Micallef, Ir-Rabat, Għawdex

Rikors ġuramentat ta' Geswalda sive Alda Bugeja (KI nru 43962G).

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:

1. Illi l-attriċi hija proprjetarja ta' sqaq adjaċent għar-residenza tagħha, u ċjoè għal Bright Eyes, Triq Dun Pawl

It is hereby notified that by a decree issued on the 1st of April, 2022, issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, in the records of application number 86/2021 in the names Geswalda sive Alda Bugeja vs Sergio Cirriani, filed in the Register on the 26th of December, 2017, the publication of the extract reproduced below was ordered in order to serve as service against the respondent Saviour sive Sunny Chetcuti (Maltese identity card number 0825551M) of 18, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Gozo, and this in terms of Article 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

The recipient of this sworn application against him shall file his sworn reply within twenty (20) days from the date of notification, that is, from the date of receipt. If the sworn reply is not presented in writing as required by law by the said time, the Court shall proceed to give the decision in accordance with the law.

So it is in the interest of who receives this sworn application to contact a lawyer without delay so that the Court will hear what he has to say in this application.

Geswalda sive Alda Bugeja (43962G) Bright Eyes, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Gozo

vs

Sergio Cirriani, 18, Triq Dun Pawl Micallef, Victoria, Gozo

Sworn Application ta' Geswalda sive Alda Bugeja (ID 43962G)

Humbly submits and confirms on oath:

1. That she is the owner of the alley adjacent to her private residence, this being 'Bright Eyes', Triq Dun Pawl

Micallef, Ir-Rabat, Għawdex, f'liema sqaq jinsab lokat ukoll fond illi minnu l-konvenut jiġġestixxi negozju ta' Bed & Breakfast;

2. Illi dan l-istess sqaq ilu fil-proprjetà tal-attrici għal 'il fuq minn tletin sena, u qabel dan il-perjodu kien proprjetà tal-ġenituri tagħha;

3. Illi riċentement il-konvenut wettaq diversi xogħlijiet illi permezz tagħhom ftit ftit beda jingombra dan l-istess sqaq, fejn, fost l-oħrajn, huwa introduċa diversi effetti ġol-istess sqaq sabiex itellef lill-attriċi kemm mill-użu kif ukoll mill-godiment tal-isqaq;

4. Illi fost azzjonijiet oħra, il-konevnut beda jħalli vetturi, muturi, u anke roti fl-imsemmi sqaq u, agħar minn hekk, għamel żewġ imwieżeb fejn saħansitra waħħal kanna ma' wieħed minnhom b'tali mod u manjiera li l-ilma qiegħed jiskula għal ġos-sqaq. Il-konvenut waħħal ukoll fanal u lqugħ fuq tieqa illi tagħti għal fuq l-istess sqaq, għadda wire li jservi l-proprjetà tiegħu u qiegħed ukoll qasrija fl-entratura tal-isqaq, u dan kollu mingħajr il-kunsens tal-attriċi;

5. Illi minkejja għadd ta' interpellazzjonijiet il-konvenut għażel illi jibqa' inadempjenti u jissokta bl-azzjonijiet tiegħu, dejjem a detriment tal-attriċi;

6. Illi dan ir-rikors qiegħed isir u qiegħed jiġi kkonfermat bil-ġurament ta' Geswalda sive Alda Bugeja illi għandha konoxxenza vera u propja tal-fatti illi taw lok għal din il-kawża.

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-aġir tal-konvenut fir-rigward tal-ingombri messi minnu, kif ukoll tal-introduzzjoni ta' diversi effetti fl-isqaq proprjetà tal-attriċi huwa wieħed abbużiv u illegali fil-konfront tal-attriċi;

2. Tordna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti jiżgombra u jillibera l-isqaq propjetà tal-attriċi minn dak kollu mess u esegwit minnu a dannu tad-drittijiet tal-attriċi;

3. Fl-eventwalità illi l-konvenut jibqa' inadempjenti, l-attriċi tiġi awtorizzata li tagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa hija stess taħt id-direzzjoni u l-kontroll ta' periti nominandi u a spejjeż totali tal-konvenut.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali, kontra l-konvenut li huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni.

Micallef, Victoria, Gozo, in which alley there is also located the premises from which defendant operates his business;

2. That the mentioned alley has been the applicant's property for over thirty years, before which period of time it belonged to her late parents;

3. That, recently, defendant executed several works by virtue of which he gradually started encumbering the same alley, whereby, among others, he introduced several effects within the same alley, and this with the intention of prohibiting the plaintiff's real and proper enjoyment of the alley;

4. That among other actions, defendant has been leaving vehicles and also bicycles in the same alley, and, even worse, has also introduced two spouts, where he also attached a water-pipe to one of them, in such a manner that water is being channelled into the alley. Defendant has also attached a lamp and water culvert, channelled a wire serving his property, and also placed a plant at the alley's entrance; all without plaintiff's consent;

5. That despite being called upon several times, defendant chose to remain in default;

6. That this application is being made and is being confirmed on oath by Geswalda sive Alda Bugeja, who has true and proper knowledge of the facts leading to this civil action.

Let defendant therefore state why shouldn't this Honourable Court:

1. Declare and decide that the actions of the defendant with regard to the encumbrances caused by him, as well as the introduction of several effects within the alley property of the plaintiff are of an illegal and abusive nature;

2. Order defendant to disencumber and free the same alley from all that has been made and effected by him with prejudice to plaintiff's rights, and this within a brief period of time established by this Honourable Court;

3. In the eventuality that defendant remains in default, plaintiff is authorized to carry out the necessary works herself, under the direction and supervision of an architect, with the relative expenses to be borne by defendant.

With costs, including those of the official letter, against the defendant who is from now summoned so that a reference

B'riżerva għal kull azzjoni għad-danni li li tista' tkun intitolata għaliha l-attriċi.

Is-smigħ tar-rikors huwa differit għal nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju, 2022, fis-sagħtejn ta' waranofsinhar (2.00 p.m.) fl-edifiċju tal-Qorti ta' Għawdex.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), illum 18 ta' Mejju, 2022

JOHN VELLA
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

to his evidence be made. Subject to any action for damages to which the plaintiff may be entitled.

The hearing of the application is deferred to Thursday, May 26, 2022, at two o'clock in the afternoon (2.00 p.m.), in the Gozo Court building.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), today the 18th of May 2022

JOHN VELLA
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

867

B'digriet tal-5 ta' Lulju, 2021, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' Mejju, 2022, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie iffissat il-jum tal-Ħamis, 20 ta' Ottubru, 2022, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament mingħajr l-arja tiegħu, internament formanti parti mit-torri magħruf bħala Tower A1 konsistenti f'għoxrin (20) appartament, liema torri jifforma parti mill-iżvilupp magħruf bħala 'The Three Towers' u liema appartament huwa sitwat fil-livell numru tlieta (3) (Level 3) u mmarkat internament bin-numru tliet mija u sitta (306), ġewwa Triq l-Ibjar, Paola, kif ukoll l-użu tal-partijiet komuni tat-Torri A1 u dan kif aħjar deskritt fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Malcolm Mangion ippubblikat fit-28 ta' Frar, 2007, sottopost u sovrapost proprjetà ta' terzi, liberu u frank u stmat li jiswa mitejn u ħamest elef ewro (€205,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Yassine Khaled (KI 135504L) u Elsadi Duaa (KI 38961A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 7/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 19 ta' Mejju, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 5th July, 2021, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12):

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 9th May, 2022, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 20th October, 2022, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

The apartment without its own airspace, internally forming part of the tower known as Tower A1, consisting of twenty (20) apartments, which tower forms part of the development known as 'The Three Towers' and which apartment is situated on level three (3) and internally marked number three hundred and six (306), in Triq l-Ibjar, Paola, as well as the right of use of common areas of the Tower A1 as better described in the acts of notary Malcolm Mangion published on the 28th February, 2007, underlying and overlying third party property, free and unencumbered, and valued at two hundred and five thousand euro (€205,000).

The said tenement is the property of Yassine Khaled (ID 135504L) and Elsadi Duaa (ID 38961A).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 7/2021.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 19th May, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603